MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 309/2008

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Saviour Scerri**

## Il-Qorti:

Rat l-avviz ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-ghaxra (10) ta’ Dicembru 2008 permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ hdax-il elf, hames mija u sitta u hamsin euro u wiehed u hamsin euro centezmu (Euro 11,556,51) bilanc ghad-debitu fil-*loan account* tieghu mas-socjeta attrici (Dok. A 1 sa Dok. A 2 u Dok. B 1 sa Dok. B 2) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-sitta w ghoxrin (26) t’Awwissu 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament, liema *loan* gie moghti lill-konvenut permezz ta’ Motor Loan Application datata disgha (9) t’Ottubru 2001 (Dok. C) u skrittura privata datata sittax (16) ta’ Jannar 2003 (Dok. D).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-Motor Loan Application u fl-iskrittura privata hawn fuq indikati u cioe Dok. C u Dok. D partikolarment, imma mhux esklussivament billi l-konvenut Saviour Scerri **(a)** naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta attrici kif stipulat fl-imsemmija applikazzjoni u skrittura; **(b)** u kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess applikazzjoni skrittura sopr'indikati u jew **(c)** hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta ta' hlas lura tal-imsemmi debitu u dovut lis-socjeta attrici anke u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata erbgha (4) ta' Lulju 2007 (Dok. E) u tal-Mandat ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew prezentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni nhar it-tmintax (18) ta' Dicembru 2008 skond kopja tal-gazetta lokali *The Malta Independent* esebita fl-atti a fol. 34 ta' l-atti, u fil-gazzetta bl-isem, 'L-Orizzont' nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Dicembru 2008 Dok. A fol. 33, fil-Gazzetta tal-Gvern datata hamsa (5) ta' Dicembru 2008 skond kopja  esebita fl-atti a fol. 31, oltre li gie notifikata bl-affissjoni fl-Ghassa tal-Pulizija, San Pawl il-Bahar nhar l-erbgha (4) ta' Dicembru 2008 u fil-Kunsill Lokali, San Pawl il-Bahar nhar l-erbgha (4) ta' Dicembru 2008.

Rat illi fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Jannar 2009 l-konvenut gie imsejjah diversi drabi izda baqa ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici ssib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hdax-il elf, hames mija u sitta u hamsin euro u wiehed u hamsin euro centezmu (Euro 11,556,51) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-**

**imghaxxijiet legali mis-sitta w ghoxrin (26) t'Awwissu 2008 sad-data tal-effettiv pagament.**
**Bl-ispejjes kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------